DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1086

tat-2 ta' Ġunju 2023

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-metoflutrin ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sat-30 ta' April 2021 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2019, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-applikazzjoni").

(3) Fil-15 ta' Ottubru 2020, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tal-Irlanda infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tista', skont il-każ, tirrikjedi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex issir l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li b'kollox ma jistax ikun itwal minn 180 jum, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-*data* rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/327 ([3]) pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflurin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 għall-31 ta' Ottubru 2023 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni.

(7) Fit-2 ta' Frar 2023, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni se tiddewwem minħabba l-bżonn li tiġi vvalutata *data* addizzjonali li l-applikant intalab jipprovdi. L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tistenna li se tissottometti r-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-Aġenzija fir-raba' trimestru tal-2023.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/327 tat-23 ta' Frar 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 64, 24.2.2021, p. 10).

(8) Konsegwentement, minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk huwa xieraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex ikun jista' jsir l-eżami tal-applikazzjoni. Filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Ottubru 2024.

(9) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-metoflutrin jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/327 hija posposta għall-31 ta' Ottubru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN